MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 5/2007

**George Scicluna**

**Vs**

**Sonya Scicluna**

**Il-Qorti;**

**Kawza li fiha l-attur qieghed jitlob awment fir-retta alimentarja pagabbli ghat-tfal minuri sabiex tkopri somma defenita li tirreferi ghall-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni u ghas-sahha tat-tfal, liema spejjez il-partijiet kellhom diga' obbligu li jhallsu f'sehem ugwali skond kuntratt ta' separazzjoni li kienu ffirmaw.**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-7 ta' Frar 2007, l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex ir-retta alimentarja

stabbilita permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-17 ta' Jannar 2003 fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech tigi awmentata mis-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115), u dan biex jirrifletti u jinkludi wkoll sehem l-intimata mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha ta' l-istess ulied minuri. It-talba tal-attur taqra hekk:-

*Tvarja l-manteniment pagabbli fix-xahar mill-intimata favur ir-rikorrenti fir-rigward tat-tlett ulied minuri u dan billi l-ammont ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115) diga stabbilit bejniethom jigi awmentat biex jirrifletti u jinkludi wkoll sehem l-intimata mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha ta' l-istess ulied minuri*.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-30 ta' Marzu 2007[1], il-konvenuta eccepiet li fost'affarijiet ohra:-

*"Illi bhala punt ta' ligi, l-attur ma ghandu ebda dritt illi jitlob emenda fid-disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens illi minflok ma thallas sehemha mill-ispejjez minn zmien ghal zmien necessarji ghall-edukazzjoni u kura medika tal-ulied, hija tibda tghaddilu somma fissa fix-xahar, izda sa mai, jekk l-esponenti tirrifjuta illi tohrog sehemha minn dawk l-ispejjez (haga illi hija qatt ma ghamlet) ghandu biss id-dirtt illi jitlob lill-Qorti tordna lill-esponenti tikkonforma ruhha mal-obbligi kuntrattwali taghha"*.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-verbal tas-seduta tat-12 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Il-Qorti rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-
(a) Il-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Awwissu 1992.

---
[1] Fol. 16.

(b) Miz-zwieg twieldu Marcia (12 ta' Lulju 1993), Martin (24 ta' Dicembru 1997) u Michelle (27 ta' April 2001).
(c) Il-partijiet huma legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Jannar 2003 fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech.
(d) Wahda mill-klawzoli tal-kuntratt ta' separazzjoni taqra hekk:-
*"Illi kull parti ghandha tikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjez mehtiega in konnessjoni mat-trobbija u l-ghixien taghhom inkluzi ghalhekk* ***<u>spejjez mehtiega in konnessjoni ma' l-ilbies, kura medika, edukazzjoni u b'mod generali dak kollu li huwa mehtieg ghal trobbija regolari.</u>*** *Kull parti tkun esklussivament responsabbli sabiex tipprovdi ghall-ikel li jkun mehtieg mill-minuri sakemm dawn ikunu fil-kustodja taghha minghajr ma jkollha l-jedd ghar-rizarciment ta' nofs l-ispejjez minghand il-parti l-ohra. F'kaz ta' nuqqas ta' ftehim dwar il-hlas dovut, jibqa' miftiehem li tali divergenza tkun riferuta lill-persuna lit kun tissorvelja t-trobbija ta' l-ulied mill-partijiet mahtura mill-Qorti u d-decizjoni tieghu tkun finali u defenittiva. Prezentement din il-persuna hija s-social worker Peter Paul Portelli"*.
(e) Il-minuri jghixu mal-attur.
(f) Fl-atti tal-medjazzjoni numru 3/2005[2] il-partijiet ipprezentaw nota konguntiva li permezz taghha ddikjaraw li qeghdin jiftehemu li l-manteniment ghat-tfal minuri jigi awmentat ghas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115) fix-xahar u ***"b'zieda ma' dan il-manteniment, Sonya Scicluna ghandha tibqa' tohrog nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni u kura medika ta' l-ulied"***.
(g) B'digriet moghti minn din il-Qorti fl-24 ta' Mejju 2005[3], il-Qorti ordnat li *"il-manteniment pagabbli minn Sonya Scicluna jkun kif stabilit fit-tieni paragrafu ta' din in-nota"*. Din in-nota konguntiva prezentata fis-17 ta' Mejju 2005[4], taqra hekk:- ***"Il-manteniment pagabbli minn Sonya Scicluna lil George Scicluna fir-rigward tat-tlett ulied minuri ghandu jigi awmentat ghal l-ammont ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115) fix-xahar….. B'zieda ma' dan il-manteniment, Sonya Scicluna***

[2] Fol. 11.
[3] Fol. 12.
[4] Fol. 11.

***ghandha tibqa' tohrog nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni u kura medika ta' l-ulied"***. Ghalhekk fir-rigward ta' spejjez ta' edukazzjoni u ghas-sahha tat-tfal, il-partijiet regghu kkonfermaw dak li gie pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni tas-17 ta' Jannar 2003.

(h) L-attur isostni li qieghed isibha difficli sabiex jigbor minghand il-konvenuta s-sehem li hija obbligat ruhha li thallas fir-rigward tal-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha ta' l-ulied in kwantu skond hu qeghdin *"jinqalghu divergenzi bejn il-partijiet dwar il-hlas u kalkulazzjoni ta' sehem l-intimata dovut mill-ispejjez ta' l-edukazzjoni u medikazzjoni tat-tfal"*[5]. Jirrizulta wkoll li huwa rrefera dan il-kaz ghall-medjazzjoni u fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-atti tal-medjazzjoni numru 69/2006 il-Qorti ddegretat li ***"billi l-kwistjoni ta' l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u edukazzjoni ta' l-ulied minuri, kienet giet specifikatament regolata f'wahda mill-klawsoli tal-kuntratt imsemmi, u ghalhekk din tista' tigi varjata biss, fl-interess tal-minuri, permezz ta' kawza u mhux b'semplici rikors"***, cahdet it-talba.

(i) L-attur ghamel din il-kawza sabiex il-Qorti tawmenta r-retta alimentarja ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115) pagabbli fix-xahar sabiex il-manteniment ikun ikopri fih sehem il-konvenuta ***"mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha ta' l-istess ulied minuri"***.

(j) Min-naha taghha l-konvenuta qeghda topponi t-talba tal-attur.

2. Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li l-aspett dwar hlas ta' spejjez ta' edukazzjoni u sahha ta' l-ulied minuri huwa diga' regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni li ffirmaw il-kontendenti. Minn qari tar-rikors guramentat jidher bic-car li permezz ta' dawn il-proceduri l-attur irid ivarja dak li ftehem mal-konvenuta, fis-sens li jrid li l-Qorti tawmenta l-manteniment ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115) stabbilit bid-digriet tal-24 ta' Mejju 2005 biex ikopri wkoll sehem il-konvenuta mill-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-ulied minuri. L-attur isostni li l-Qorti ghandha jedd li tvarja r-retta alimentarja fl-interess tal-minuri.

[5] Fol. 3.

3. Ghalkemm jidher li l-attur qieghed jitlob varjazzjoni tad-digriet moghti minn din il-Qorti fl-24 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu stabbilit ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenuta bhala manteniment ghall-uliedha, l-effett prattiku jekk it-talba tal-attur tigi milqugha jkun li dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni ser jigi varjat.

4. M'hemmx dubju li l-kwistjoni dwar hlas ta' spejjez relatati ma' edukazzjoni u sahha huma regolati mill-kuntratt ta' separazzjoni li ffirmaw il-partijiet fis-17 ta' Jannar 2003 u li gie debitament awtorizzat il-pubblikazzjoni tieghu permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fis-17 ta' Jannar 2003. Huwa fatt li ***pacta sunt servanda***[6]. Il-partijiet qablu bejniethom dwar il-mod kif kellhom ihallsu dawn l-ispejjez, u x'kellu jsir f'kaz ta' dizgwid. L-Artikolu 992 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jaqra:-

*"(1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2)Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*.

5. Fil-kawza fl-ismijiet **Angela Ciappara proprio et noe vs Carmelo Ciappara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[7] fl-24 ta' Mejju 2006 gie osservat:-

*"Jibda biex jigi osservat bhala punt ta' tluq illi hawn si tratta minn kuntratt, konsenswalment konvenut bejn il-kontendenti. F'kaz bhal dan, skond gurisprudenza*

---

[6] *"li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda"* (Appell Civili tal-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"** u **"General Cleaners Company Limited vs Accountant General" –** Prim'Awla tal-Qorti Civili (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

[7] Onor. Imhallef P. Sciberras.

*pacifika, ghall-obbligu alimentarju li jkun gej minn kuntratt "devono essere allo stess applicate le regole ordinarie del contratto" (Cesareo utrinque, Qorti Civili, Prim'Awla, 16 ta' Gunju 1880) u allura "non sono soggetti a variazione in piu' o in meno" (Mizzi utrinque, Qorti Civili, Prim'Awla 24 ta' April 1882), b'mod li l-pattijiet li jsiru fil-kuntratt ghandhom jibqghu jsehhu ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet (Ara Elisa Ellul vs Negte Antonio Ellul, Appell Civili, 26 ta' Ottubru 1937). Issokta jigi precizat illi meta dwar l-alimenti jigi miftiehem, li ghandhom jigu prestati "m'humiex izjed id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar l-obbligu ta' l-alimenti bejn il-mizzewgin li jiggovernahom izda huma l-pattijiet tal-kuntratt" (Vide A.B. vs Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell, 4 ta' Gunju 1964 rikonfermata fis-sentenza Bice Peralta vs Joseph Peralta, Appell, 30 ta' Jannar 1976). Wiehed necessarjament jifhem minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi dak li l-Qrati kellhom fil-forma mentis kein id-dispost ta' l-Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili….Naturalment fil-kaz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali kien dejjem necessarju ad validitatem l-approvazzjoni tal-Qorti kompetenti. Bla dubju, il-kontroll mit-tribunal adit (is-Sekond'Awla f'dan il-kaz) hu mahsub biex tigi accertata l-ezistenza u l-liberta' tal-kunsens moghti, jigu verifikati li l-klawsoli negozjati ma humiex kuntrarji ghall-principju ta' ordni pubbliku u, fuq kollox, tigi valutata l-adegwatezza tal-ftehim, in partikulari ir-rispett tal-harsien ta' l-interessi supreme ta' l-ulied"*.

6. Fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech proprio et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' April 2004 gie sottolinejat:-*"Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd firmament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida*[8]*, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-*

[8] Ara f'dan is-sens sentenzi riportati fil-Volum IX.35, 179, u 692; Vol. XXIX.i.521 u 1121; Vol. XXIX.ii.438; Vol. XXXIII.ii.49; Vol. XXXVII.i.381 u Vol. XL.ii.726.

*milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni*[9]*. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazijiet propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel"*.

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni li t-talba tieghu hi wahda legittima in kwantu:-

(a) *"L-artikolu 60 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li f'subartikolu 2 jipprovdi li anki wara li tinghata sentenza tal-Qorti "il-Qorti tista', f'kull zmien, ghall-ahjar tat-tfal, thassar jew tbiddel l-ordnijiet li tkun tat dwarhom""* – dan il-provvediment m'huwiex rilevanti ghall-kaz taghna peress li jittratta dwar l-ghoti tal-kura u kustodja tat-tfal u mhux hlas ta' manteniment. Ir-riferenza li ghamel l-attur ghas-sentenza fl-ismijiet *Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 m'hijiex rilevanti in kwantu l-kaz kien jittratta kwistjoni dwar kura u kustodja, u l-Artikolu 61 tal-Kodici Civili jipprovdi espressament li kull ftehim dwar kustodja tat-tfal jista' jigi annullat minkejja li jkun hemm ftehim bejn il-mara u r-ragel.

(b) *"L-artikolu 54(7) tal-istess Kap. 16 li jghid:- "(7) Meta jkun hemm tibdil wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew bzonnijiet tal-parti l-ohra l-Qorti tista', fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond l-kaz"* – L-attur ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Noel Arrigo) fil-kawza **Walter Borg St. John vs Christine Borg St. John** deciza fil-31 ta' Mejju 2002. Huwa minnu li l-Qorti qalet li fejn si tratta ta'

[9] Ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Novembru 1994 fil-kawza **Victoria Camilleri proprio et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem** u Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Jannar 1996 fil-kawza **Mary Vella vs Mario Vella**.

obbligazzjonijiet purament personali (tat l-ezempju ta’ kura u kustodja) *“il-Qorti tista’ fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu”*. Pero’ ftit iktar l-isfel qalet li l-varjazzjoni fir-rigward tal-manteniment tista’ ssir skond l-Artikolu 54(7) fejn din il-materja tkun giet deciza mill-Qorti stess. Fil-kaz taghna ghandna kuntratt ta’ separazzjoni fejn il-partijiet qablu li spejjez ghas-sahha u dawk relatati mal-edukazzjoni jinqasmu bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 54(7) qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn il-manteniment ikun gie stabbilit b’ordni tal-Qorti. Kuntrarjament ghal dak li qieghed isostni l-attur, fil-kawza minn citata fl-ismijiet **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem** fir-rigward tal-Artikoli 54(7) il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li *“m’hemmx dubbju illi prima facie il-legislatur m’huwiex qieghed hawn jitkellem fuq l-alimenti pattwiti…..”*. Tant hu hekk li fil-kawza **Alfred Grech vs Pauline Grech** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ April 2004 u li ghaliha ghamel ukoll riferenza l-attur, inghad:- *“kif imfisser mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza V. Camilleri pro et noe vs M.F.A. Kareem deciza fit-2 ta’ Novembru 1994* ***id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bejn il-partjiet****, b’mod li jibqa’ jregi l-principju stabbilit fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom…..”*.

(c) *“Inoltre hemm il-principju tal-ligi ‘nemo ad impossibilia tenetur’, li jsostni l-istess talba attrici”* – Il-Qorti ma tarax kif dan il-principju jista’ jghin il-kawza li ghamel l-attur. Huwa minnu li kien hemm kazijiet fejn il-Qrati applikaw dan il-principju fir-rigward tal-hlas ta’ manteniment, pero’ dan fejn il-parti obbligata thallas il-manteniment (cjoe’ d-debitur) ma setghetx tkompli thallas il-manteniment pattwit minhabba cirkostanzi eccezzjonali li jkunu zviluppaw wara l-firda personali. Hekk per ezempju fil-kawza **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-2 ta’ Novembru 1994 dan il-principju gie applikat ghaliex ir-ragel ma setax jibqa’ jhallas il-manteniment pattwit f’kuntratt ta’ separazzjoni minhabba li kien sofra

debilita' permanenti u naqaslu d-dhul. Minn qari ta' dik is-sentenza hu evidenti li l-Qorti applikat dan il-principju sabiex fic-cirkostanzi godda li sab ruhu fihom il-konvenut (il-persuna obbligata li thallas il-manteniment) ma jibqax kostrett ihallas ir-retta alimentarja pattwita. F'dan il-kaz il-Qorti applikat dan il-principju ghaliex fil-fehma taghha l-provvedimenti dwar il-manteniment ma kienux jippermettu varjazzjoni ta' manteniment pattwit *ex contractu*. Wiehed jista' jkollu r-rizervi ghal dak li qalet din il-Qorti, mehud in konsiderazzjoni li l-Artikolu 21 tal-Kodici Civili jipprovi li min hu obbligat li jhallas il-manteniment jista' *"jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz"*, jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu. Pero' l-Qorti tal-Appell hasset li kellha tirrikorri ghall-principju fuq imsemmi. Fil-kaz taghna l-obbligazzjoni ghadha hemm u l-konvenuta ghadha qeghda tirrikonoxxi li ghandha obbligu kuntrattwali li twettaqha. Il-fatt li l-attur qieghed jilmenta dwar il-mod kif qeghda titwettaq din l-obbligazzjoni min-naha ta' martu, ma jfissirx li b'xi mod ghandu jsib l-applikazzjoni l-principju li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli.

8. L-ilment tal-attur huwa bazat fuq il-fatt li skond hu qeghdin jinqalghu divergenzi bejn il-kontendenti dwar xhi spejjez huma nkluzi fil-klawzola citata hawn fuq mill-kuntratt. Inoltre l-Qorti ma taqbilx li wiehed jargumenta li dan huwa kaz fejn huma kolpiti l-interessi tal-minuri, allura l-Qorti ghandha kull dritt li tordna varjazzjoni ta' kuntratt pubbliku. L-interessi tal-minuri diga' huma salvagwardjati fil-kuntratt ta' separazzjoni innifsu in kwantu l-konvenuta assumiet obbligu li thallas nofs l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri minghajr ebda kwalifika. Il-mod kif l-attur ser jirkupra l-ispejjez li qieghed jaghmel hi kwistjoni ohra. Gialdaraba diga' jezisti l-obbligu kuntrattwali li l-attrici tikkontribwixxi nofs l-ispejjez, il-Qorti hi tal-fehma li dak pattwit bonarjament bejn il-partijiet ghandu jibqa' japplika. Dan m'huwiex kaz fejn qieghed jintalab awment fir-retta alimentarja minhabba li zdiedu per ezempju l-bzonnijiet tal-minuri. F'dak il-kaz seta' kien hemm il-htiega li jsiru konsiderazzjonijiet differenti minn

dawk li qeghdin isiru issa. It-talba tal-attur ghall-awment hi ntiza biex tissostitwixxi dak li gie pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni dwar hlas ta' spejjez relatati ma' edukazzjoni u sahha. Ovvjament min-naha tal-attrici m'ghandha l-ebda jedd li tissospendi l-hlas ta' dawn l-ispejjez minn jeddha u anzi ghandha l-obbligu, li dahlet ghalih liberament, li taghmel tajjeb ghal dawk l-ispejjez kollha li huma relatati ma' l-edukazzjoni u sahha ta' wliedha.

9. L-argument tal-attur li l-varjazzjoni li qieghed jitlob hi tad-digriet moghti mill-Qorti fl-24 ta' Mejju 2005 fl-atti tal-medjazzjoni numru 3/2005 u li nghata in segwitu ghan-nota konguntTiva prezentata fis-17 ta' Mejju 2005, lanqas ma tista' tghin it-tezi tieghu. Fir-rigward tal-ispejjez ta' l-edukazzjoni u ta' kura, permezz ta' dan id-digriet il-Qorti kienet qeghda sempliciment tikkonferma dak li kien diga' gie pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni. Wara kollox kien hemm qbil bejn il-partijiet li dwar kontribuzzjoni ta' dawn l-ispejjez ma jkunx hemm varjazzjoni minn dak li kien diga' pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni. Mela f'dan ir-rigward ma kienx hemm varjazzjoni minn dak li jipprovdi l-kuntratt ta' separazzjoni u l-kuntratt baqa' jirregola dan l-aspett.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tilqa' l-hames (5) eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u tichad it-talbiet ta' l-attur.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------